Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

2025/2146(DEC)

24.11.2025

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew
(2025/2146(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Raquel García Hermida-Van Der Walle

PA_NonLegDec

OPINJONI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora dan li ġej fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur tal-UE u l-Unjoni hija impenjata li tippromwoviha fl-attivitajiet kollha;

B. billi skont l-Artikolu 249, il-Bureau għandu jadotta pjan ta' azzjoni dwar il-ġeneru biex jintegra perspettiva tal-ġeneru fl-attivitajiet kollha tal-Parlament;

C. billi n-nisa għadhom sottorappreżentati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; billi l-elezzjonijiet tal-2024 raw tnaqqis fuq il-kisbiet preċedenti, b'278 mara (39 %) eletti, li huwa kemxejn inqas mill-2019;

D. billi l-politiċi nisa jiffaċċjaw livelli ogħla ta' mibegħda u intimidazzjoni mill-kontropartijiet irġiel tagħhom;

E. billi n-nisa għadhom sottorappreżentati f'xi kumitati u rrappreżentati żżejjed f'oħrajn;

F. billi l-Parlament ma stabbilixxiex liv tal-ġenituri għall-Membri, minkejja li ppermetta votazzjoni bi prokura għall-Membri nisa qabel u wara l-ħlas;

1. Jilqa' l-progress fl-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2025; jitlob li dan jiġi pubblikat, jiġi implimentat malajr u jiġi vvalutat bir-reqqa; iħeġġeġ ibbaġitjar konsistenti skont il-ġeneru fil-baġit tal-Parlament;

2. Jistieden lill-President tevalwa t-tnaqqis fil-Membri nisa fl-2024 u tiffinanzja kampanji li jħeġġu lin-nisa jidħlu fil-politika tal-UE; jistieden lill-partiti nazzjonali jadottaw listi u kwoti alternanti;

3. Jitlob appoġġ emozzjonali u legali mmirat għall-Membri kkonfrontati b'fastidju u mibegħda;

4. Jistieden lill-President u lill-Bureau jtejbu r-rappreżentanza orizzontali u l-bilanċ bejn il-ġeneri fil-kumitati kollha, inkluż billi jikkunsidraw il-kwoti tal-ġeneru għall-koordinaturi, ir-rapporteurs u x-shadow rapporteurs;

5. Jilqa' l-pożizzjoni dwar il-votazzjoni bi prokura għall-Membri nisa qabel u wara t-twelid; jitlob li l-votazzjoni bi prokura tiġi estiża għall-ġenituri l-ġodda kollha u li jiġi stabbilit liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri għall-Membri.